# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Guramentat Numru : 192/2016/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv 1473/2005 fl-ismijiet :**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Mark Borg (503274(M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Mark Borg (ID Nru. 503274 (M)) datat 10 ta’ Marzu 2016 fejn espona: -

Illi l-bank HSBC Bank Malta p.l.c. kien ottjena l-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-konfront tal-esponenti Mark Borg fis-26 ta' Settembru 2005.

llli madanakollu kif jirrizulta car mill-mandat ta' sekwestru surreferit ma gew maqbudin l-ebda flejjes appartenenti lill-esponenti bis-sahha tal-istess mandat.

Illi minkejja s-surreferit il-mandat baqa' jigi prorogat sal-25 ta' Settembru 2007.

Illi fil-frattemp l-esponenti kien ipproceda fil-konfront ta' Alan Briffa, B.Kam Holdings Limited (C24868) u Ready To Move In Limited (C32229) permezz tal-kawza fl-ismijiet 'Mark Borg v. Alan Briffa et' (Rik. Nru. 207/2006/LFS) liema kawza giet deciza favorevolment ghall-esponenti permezz tas-sentenza datata 22 ta' Frar 2010 (annessa u mmarkata Dok. 'A').

llli permezz ta' tali azzjoni l-esponenti kien argumenta b'success illi proprju minhabba l-intimati f’ dawk il-proceduri huwa kien sofra danni ingenti konsistenti mill-fatt illi l-istess intimati naqsu milli jezegwixxu il-kuntratt t'appalt skont kif huma kienu obbligaw ruhhom li jaghmlu favur I-esponenti. Mill-istess sentenza jirrizulta car illi s-self mertu tas-sekwestru odjern intuza kollu sabiex jithallsu l-intimati f’ dawk il-proceduri.

Illi fost tali danni l-esponenti rrefera wkoll ghall-fatt illi huwa *"kien qed jiddependi ghall-hlas tas-self proprju minn fuq in-negozju li kien ghamel ma' Alan Briffa. Izda meta x-xoghlijiet ma bdewx isiru kien spicca f'pozizzjoni li ma setax jaghmel il-pagamenti tieghu lill-bank. Flus biex iqabbad lil haddiehor ma kellux u self iehor mal-bank ma setax jiehu."*

Illi ghalkemm dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet tal-esponenti u ordnat lill-intimati sabiex jirrifondu l-ammont kollu mhallas lilhom, fil-mori tal-proceduri l-intimat Alan Briffa harab minn Malta u kwindi s-sentenza moghtija favur l-esponenti sal-gurnata tal-lum ghadha ma gietx ezegwita.

Illi madanakollu l-bank HSBC Bank Malta p.l.c. kompla jipprocedi fil-konfront tal-esponenti tant illi hareg fil-konfront tieghu, apparti l-mandat ta' sekwestru surreferit, mandat ta' qbid fir-rigward tal-vettura tieghu (mandat ta' qbid numru 1328/2005 segwit mis-subbasta relattiva numru 6/2006) u kif ukoll giet intavolata procedura ta' subbasta fir-rigward tal-art li fuqha kellu jigi jinbena l-mezzanin skont kif imfisser fil-kuntratt ta' self (subbasta numru 17/2005).

Illi ghaldaqstant jirrizulta li l-kreditu dovut lill-bank HSBC Bank Malta p.l.c. issa jinsab sodisfatt u fi kwalunkwe kaz ma jezistux aktar ragunijiet ghalfejn il-mandat surreferit ghandu jibqa' fis-sehh fil-konfront tal-esponenti.

Illi ghaldaqstant jezistu l-estremi skont il-ligi ghall-hrug tal-kontro-mandat opportun u dana *a tenur* tal-art. 281 tal-

Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u/jew id-debita riduzjoni tal-istess mandat ta' sekwestru u dana prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha necessarji u opportuni li dina l-Onorabbli Qorti tista' timponi sabiex tassigura li s-self surreferit jintuza ghall-iskopijiet hawn fuq diga' ravvizati.

Illi ghalkemm il-bank HSBC Bank Malta p.l.c. huwa tenut skont il-ligi sabiex jirregola l-mandati mahrugin minnu fil-kaz in ezami l-istess bank naqas milli jagixxi fil-konfront tal-esponenti skont kif tenut jaghmel skont il-ligi u kwindi ghandu jsofri wkoll l-ispejjez tal-procedura odjerna.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-surreferit, l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u/jew ordnijiet kollha necessarji u opportuni, tordna t-thassir 'in toto' jew 'in parte' skont il-kaz tal-mandat surreferit u kwindi tordna l-hrug tal-kontro-mandat opportun *a tenur* tal-art. 281 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap, 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u *ai fini* u effetti kollha tal-ligi, bl-ispejjez kontra l-istess bank HSBC Bank Malta p.l.c.

Rat id-digriet tal-11 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti ordnat qabel xejn lir-rikorrenti biex jesbixxi kopja legali tal-istess Mandata ta' Sekwestru. Ordnat in-notifika lill-kontro parti li permezz ta' risposta fi zmien ghaxart ijiem min-notifka tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti ma' ghandhomx jinltaqghu; u appuntat r-rikors ghas-smigh ghat-Tlieta 22 ta' Marzu 2016 fid-9:30am.

Rat ir-risposta tas-socjeta` HSBC Bank Malta plc datata 21 ta’ Marzu 2016 (fol 16) fejn espona :

Illi b' kuntratt ta' self u kompro-vendita fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena datat 24 ta' Settembru 2002 (Dok HSBC 1) Mark Borg kien ha self mill-Bank fis-somma ta' disgha u sebghin elf, mija tmienja u disghin ewro u sebghin *cent* (€79,198.70) biex xtara u ostensibilment biex jirranga fond bl-isem "Salvina" fi Triq San Gorg Paola, bl-arja libera tieghu u li jinstab sovrappost ghal-garaxx bl-isem ta' Franleon propjeta' ta' terzi.

Illi Mark Borg wara erba' pagamenti waqaf ghal kollox mill-hlasijiet pattwiti u l-Bank kellu jibda procedura ta' Subbasta.

Illi l-Fond gie valutat mill-perit imqabbad mill-Qorti fil-valur ta' sebgha u ghoxrin elf, disa' mija, tnejn u hamsin ewro u tmienja u erbghin *cent* (€27,952.48) u inbiegh b'subbasta fit-tali data fl-ammont ta' sitt elf, disa' mija, tmienja u tmenin ewro u tnax-il *cent* (€6,988.12).

Illi l-bilanc li ghadu dovut minn Mark Borg huwa ta' mija, tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u sbatax-il ewro u sitta u tmenin *cent* (€123,817.86) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' tmenin elf, sitt mija u erba' ewro u tmienja u tletin *cent* (€80,604.38) bhala kapital u tlieta u erbghin elf, mitejn u tlettax-il ewro u tmienja u erbghin *cent* (€43,213.48) bhala mghaxijiet li ddekkorrew fuq il-kapital

sat-22 ta' Marzu 2016. Wara li tnaqsu d-depoziti li saru sew minnu u sew minn rikavat tal-propjeta' tieghu subbastata.

Illi ghalhekk il-bank esponent ghad ghandu interess li jzomm *in vigore* s-sekwestru *de quo* u ghalhekk it-talba ghall-hrug ta' kontro mandat ghal dan is-sekwestru ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 7 ta' April fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Claudia Muscat ghall-HSBC Bank Malta plc, rapprezentat minn Dr Ralph Agius Fernandez fl-Awla. Deher Dr Philip Magri ghar-rikorrent Mark Borg prezenti. Dr Magri talab l-allegazzjoni tal-atti tas-subbasti 6/2006 u 17/2005, liema talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jigu allegati l-atti msemmija. Dr Muscat ipprezentat kopja tal-ahhar *statement* dwar id-dejn dovut mir-rikorrent. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghal digriet ghal nhar it-Tnejn 11 ta' April 2016 f'12:00p.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija talba ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv fit-termini tal-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** skont liema huwa moghti d-dritt lill-persuna li jinhareg kontra taghha mandat ezekuttiv sabiex taghmel

rikors fejn jintalab li l-istess mandat jithassar ghal kollox jew parti minnu, naturalment ghar-raguni valida fil-ligi.

It-tifsira ta' dan l-artikolu gie trattat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Edward Pace v Michael Sultana"*** (PA JRM - Rik 287/05 - dec fil-5 ta' Mejju 2005). Il-Qorti osservat hekk:

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispozizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-parti ezekutata tbati pregudizzju. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg*[1]*.Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A* (illum 281) *jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra;*

*Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma*[2]*. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista'*

[1] Ara, per ezempju, App. Civ. **1.12.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Civ. **25.5.2001** fil-kawza fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[2] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (digriet interlokutorju) u

*jintalab il-hrug ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawza prezenti m'huwiex Mandat kawtelatorju".*

Ikkonsidrat li l-mandat inhareg fuq il-bazi li t-titolu ezekuttiv li huwa vigenti u li mad-daqqa t'ghajn jidher li l-mandat ihares dak kollu li tipprovdi il-ligi ghas-siwi tieghu u cioe' r-rekwiziti indikati mill-Artikolu 274 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan jinkludi li jinhareg mil-ligi kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati. Difatti l-mandat ta' sekwestru *de quo* nhareg regolarment peress li gie pprezentat in ezekuzzjoni ta' kuntratt ta' self u kompravendita fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena tal-24 ta' Settembru 2002 li gie debitament rez ezekuttiv.

Effettivament fit-trattazzjoni gie spjegat li r-rikorrent odjern irid li b'dawn il-proceduri jottjeni riduzzjoni tal-ammont ikkawtelat b'dak l-ammont rikavat mis-subbasti msemmija. Lanqas mhu kkontestat li ma sar l-ebda pagament iehor salv dawk imsemmija fir-risposta tal-Bank.

Madanakollu jirrizulta mill-ahhar *statement* bankarju esebit mill-intimat ezekutant li d-dejn pendenti sahansitra jeccedi s-somma kkawtelata bil-mandat minhabba l-akkrexximent ta' imghaxijiet. L-unici somom akkreditati lill-kont tar-rikorrent jirrizultaw miz-zewg subbasti li gew esegwiti, wiehed fuq vettura appartenenti lid-debitur u iehor fuq l-imobbli oggett tal-kuntratt.

Ghaldaqstant anke fuq binarju fattwali, r-raguni dedotta mir-rikorrent mhix ippruvata, anzi tinsab kontradetta mill-fatti billi kemm ir-rikavat tal-bejgh tal-vettura tad-debitur kif ukoll tal-immobbli gew akkreditati fuq il-kont tieghu u cio` nonostanti, l-ammont dovut jeccedi s-*sorte* ikkawtelat bil-mandat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba in kwantu li mhix gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' April 2016**